*Artikolu 1009 u 2108 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,*
*Principju ta' 'ubbirrime fides' f'kuntratt ta' assigurazzjoni mhux biss fil-mument ta' qbil izda tul l-esekuzzjoni kollha tal-kuntratt*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017

**Numru 27**

**Rikors Numru 978/08TA**

**Knightsbridge Developments Limited (C-41829)**

**vs**

**Citadel Insurance plc**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-Socjeta` attrici, ippresentat u mahluf minn Christopher Grech fit-30 ta' Settembru 2008, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi s-socjeta` rikorrenti qeghdha fil-process ta' kostruzzjoni ta' sit konsistenti f'semi basement parking, cafetteria, parkegg ghall-vetturi u blokk ta' dsatax-il appartament gewwa Xemxija Hill, Xemxija, San Pawl il-Bahar.

2. Illi in vista ta’ dan l-izvilupp is-socjeta` rikorrenti ottjeniet polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji kollha minghand is-socjeta` intimata.

3. Illi fil-kors tal-kostruzzjoni, u cioe` wara li mhamel is-sit, ghamlet maltempata w minhabba li ingabar hafna ilma fis-sit cedew xi appoggi w s-socjeta` rikorrenti sofriet danni kif jirrizulta mill-“Contractors All Risk Form” hawn annessa u mmarkata dokument A u mir-rapport tal-Perit Stephen Psaila tal-21 ta’ April 2008 hawn anness u mmarkat dokument B.

4. Illi s-socjeta` rikorrenti ghamlet claim mad-ditta assikuratrici taht il-polza ta’ assikurazzjoni precitata, izda s-socjeta` intimata rrifjutat li tikkumpensa lis-socjeta` rikorrenti a bazi ta’ interpretazzjoni zbaljata da parti tas-socjeta` intimata tal-kundizzjonijiet tal-istess polza kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi s-socjeta` intimata, interpellata biex tersaq ghall-hlas tal-kumpens dovut taht l-istess polza ta’ assikurazzjoni baqghet inadempjenti w ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata l-ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti ghandha d-dritt li tigi kkumpensata ghad-danni minnha sofferti ghall-incident li sehh fis-sit precitat taht il-polza ta’ assikurazzjoni kif fuq inghad.

2. Tillikwida l-kumpens dovut lis-socjeta` rikorrenti taht l-istess polza ta’ assikurazzjoni okkorrendo bl-opra ta’ perit nominand.

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-kumpens dovut taht l-istess polza ta’ assikurazzjoni ghall-incident suriferit.

   Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja w bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tas-Socjeta` konvenuta, presentata u mahlufa minn Lino Ciantar fil-31 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

“1. L-ewwel talba tas-socjeta` attrici kif dedotta kontra s-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. ghandha tkun michuda bl-ispejjez stante illi l-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni li harget favur is-socjeta` attrici m’hijiex applikabbli stante illi c-cirkostanzi partikolari tal-incident li allegatament kienet involuta fiha s-socjeta` attrici huma espressament eskluzi mill-kopertura tal-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni u ghalhekk is-socjeta` attrici mhix koperta mill-polza tal-assigurazzjoni mahruga favur taghha, u ghalhekk ma tintolax lis-socjeta` attrici tircievi l-kumpens minghand is-socjeta` konvenuta, u dan kif aktar ampjament ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess l-ewwel talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi s-socjeta` attrici ivvjolat kundizzjonijiet fundamentali tal-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni, inkluz il-warranties, u ghalhekk is-socjeta` attrici mhix koperta mill-polza tal-assigurazzjoni mahruga favur taghha, u ghalhekk ma tintitolax lis-socjeta` attrici tircievi l-kumpens minghand is-socjeta` konvenuta, u dan kif aktar ampjament ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess l-ewwel talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi s-socjeta` attrici naqset milli tizvela l-fatti kollha materjali u sahansitra ghamlet “misrepresentation” fil-fatti importanti u materjali u ghalhekk renda l-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni nulla u dan kif aktar ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk is-socjeta` attrici mhix koperta mill-polza tal-assigurazzjoni mahruga favur taghha, u ghalhekk ma tintitolax lis-socjeta` attrici tircievi l-kumpens minghand is-socjeta` konvenuta, u dan kif aktar ampjament ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. It-tieni talba tas-socjeta` attrici kif dedotta kontra s-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. ghandha tkun respinta wkoll bl-ispejjez stante illi fil-kaz in kwistjoni ma hemmx danni x’jigu likwidati favur is-socjeta` attrici ghar-ragunijiet fuq premessi.

5. It-tielet talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. m’ghandhiex tkun ikkundannata thallas ebda danni lis-socjeta` attrici.

6. Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-interita` taghhom stante illi l-kawza giet istitwita tardivament u bi ksur ta’ kundizzjoni ohra tal-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni.

7. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.”

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2017, fejn il-kawza thalliet ghat-13 ta' Ottubru, 2017 ghas-sentenza;

Rat id-digriet tal-14 ta' Gunju, 2017, fejn il-kawza giet rikjamata ghas-seduta tal-lum sabiex tigi prolatata s-sentenza;

**Punti ta' fatti**

**1.** Qabel ma kienet istitwita l-kawza s-Socjeta` attrici kienet fil-process li tibni kumpless ta' dsatax-il apartament u ambjenti ohrajn ancillari ghall-istess gewwa Triq Xemxija Hill, Xemxija, San Pawl il-Bahar.

**2.** L-imsemmi progett kien qieghed jinbena fuq sit li geologikament kien maghmul minn tafal u gebla globigerina. Di piu` t-terren kien jipprezenta formazzjoni topografika diffikultuza u kif ukoll geologikament insidjuza.

**3.** Sabiex tkopri lilha nnifisha kontra kwalunkwe sinistru dannuz li seta' jigri fil-kors ta' kostruzzjoni tal-progett, is-Socjeta` attrici otteniet polza ta' assigurazzjoni mas-Socjeta` konvenuta kontra ammont ta' riskji li l-kostruzzjoni ta' dan il-progett setghet tipprezenta.

**4.** Meta s-sit kien diga` skavat, lejn l-ahhar ta' Dicembru 2007, ghamlet maltempata qalila u nizlu kwantitajiet kbar ta' xita. Dakinhar sfrondew u kkrolaw il-hitan tal-appoggi li kienu nbnew u anke kien hemm cediment ta' gebel u tafal, bil-konsegwenza li fid-29 tal-istess xahar sehh is-sinistru mertu ta' din il-kawza.

**5.** Meta s-Socjeta` attrici ppruvat tirrejalizza l-polza ta' assigurazzjoni fuq imsemmija, is-Socjeta` konvenuta rrifjutat li thallas id-danni abbazi li s-sinistru partikulari ma kienx kopert mill-polza. Insistiet li dan kien wiehed mir-riskji espressament eskluzi mill-kuntratt ta' assigurazzjoni. Oltre' dan kollu, l-istess Socjeta` konvenuta kompliet targumenta, illi fi kwalunkwe kaz, il-hlas ma setax isir ghaliex is-Socjeta` attrici ma kienitx adempjenti mal-kundizzjonijiet tal-polza. Is-Socjeta` konvenuta nsistiet li mhux biss ma kienux ittiehdu l-prekawzjonijiet necessarji izda di piu` ma kienux

implimentati l-mizuri fil-*Works Method Statement* tal-Perit tas-Socjeta` attrici stess, mizuri li kien hemm qbil li kellhom jittiehdu anke mill-Perit tas-Socjeta` konvenuta.

Ghalhekk saret din il-kawza.

**<u>Punti ta' ligi</u>**

**6.** Il-partijiet fil-kawza qeghdin it-tnejn jinvokaw l-inadempjenza kuntrattwali naxxenti mill-kuntratt ta' assigurazzjoni li kien hemm bejniethom.

**7.** Kwantu jirrigwarda l-interessi tas-Socjeta` attrici minhabba r-rigett da parti tas-Socjeta` konvenuta li thallasha d-danni sofferti meta skont l-istess Socjeta` attrici kien hemm da parti taghha adezjoni shiha mal-kundizzjonijiet tal-polza. Kwantu jirrigwarda l-interessi tas-Socjeta` konvenuta, din targumenta li s-Socjeta` attrici ma imxietx mal-kundizzjonijiet tal-polza ghal ragunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l isfel.

**8.** Is-Socjeta` konvenuta eccepiet ukoll, li l-kawza saret tardivament, ghaliex is-Socjeta` konvenuta naqset li tiddeduci l-pretensjonijiet taghha permezz ta' kawza, fit-terminu konvenzjonali pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' assigurazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

*Kawza maghmula 'fuori termine'*

**9.** Qabel ma din il-Qorti tinvesti l-mertu tal-kontestazzjoni fis-sustanza tieghu, trid l-ewwel tkun deciza l-eccezzjoni ta' tardivita` tas-Socjeta` konvenuta u cioe` li s-Socjeta` attrici ma ddeducietx l-pretensjoni taghha permezz ta' kawza fiz-zmien miftiehem fil-klawsola 8 tal-kuntratt ta' assigurazzjoni. Eccezzjoni, sollevata fis-sitt paragrafu tar-risposta tas-Socjeta` konvenuta.

Fi klawsola numru 8 tal-polza mertu tal-kawza, il-partijiet ftehmu hekk:-

> "If a claim is in any respect fraudulent, or if any false declaration is made or used in support thereof, or if any fraudulent means or devices are used by the insured or anyone acting on his behalf to obtain any benefit under this Policy, or if a claim is made and rejected and no action or suit is commenced within three months after such rejection or, in case of arbitration taking place as provided herein, within three months after the arbitrator or arbitrators or Umpire have made their award, all benefit under this policy shall be forfeited."

**10.** Il-Qorti tinnota, li fil-kuntratt ta' assigurazzjoni mertu ta' din il-kawza, ma hemm ebda klawsola interprettativa dwar il-kliem '*action*' jew '*suit*' imsemmija fil-klawsola surreferita. Il-Qorti tifhem, li dawn iz-zewg kelmiet zgur ma jfissrux l-istess haga, ghaliex altrimenti kienu jkunu biss repetizzjoni

jew totoligija legali. Fil-kuntest ta' dan ir-ragunament, ghalhekk din il-Qorti thoss, li l-kelma '*action*' ghandha tittiehed li tfisser 'jagixxi' mentri il-kelma '*suit*' ma thalli ebda dubbju li tfisser 'kawza'.

**11.** Ghalkemm huwa minnu li hadd mill-partijiet ma qanqal din id-distinzjoni, dawn il-kliem iqanqlu dubbju f'mohh il-Qorti dwar l-applikazzjoni taghhom peress li ma jistax ikun li jfissru l-istess haga. Meta jigri hekk, il-gwida ghar-risoluzzjoni ta' din il-problematika legali tinsab f'artiklu **1009 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta** dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti u cioe':- "Fid-dubju, il-konvenzjoni tigi imfissra kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni". Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-kawza. Waslet ghall-konkluzjoni li fil-kaz odjern ma hemm ebda dubju, li din il-klawsola giet inserita biex tiffavorixxi lis-Socjeta` konvenuta. Dan qieghed jinghad ghaliex b'din il-klawsola, il-perjodu preskrittiv sabiex is-Socjeta` konvenuta tkun azzjonabbli taht l-artikolu 2156(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghed effettivament jigi ridott ghal wiehed ta' tlett xhur.

**12.** Din il-Qorti hija konvinta, li dak li kien mahsub f'din il-klawsola, huwa ghal kollox differenti minn dak li ghandha f'mohhha s-Socjeta` konvenuta ghall-eccezzjoni imsemmija. Ghalhekk huwa car li ai fini tal-polza mertu tal-kawza, trid issir distinzjoni netta bejn il-kelma '*action*' u '*suit*' u dan fid-dawl ta' dak li intqal aktar 'l fuq.

**13.** L-ewwel darba li s-Socjeta` attrici kienet infurmata li s-Socjeta` konvenuta rregettat il-*claim* taghha, kienet permezz ta' ittra datata 8 ta' April 2008 tramite l-*broker* taghha Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd u cioe` Jean Pierre Zammit (a` fol 64). Hawnhekk irid jinghad li ghandha ragun is-Socjeta` konvenuta, meta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha argumentat li l-*broker* ossia agent, huwa mandatarju tal-assigurat (ara sentenzi **Prim Awla per Imhallef Tonio Mallia fl-ismijiet Joseph Rizzo -vs- Hon Formosa nomine deciza fit-3/10/2002** u kif ukoll **Prim Awla per Imhallef Philip Sciberras, fl-ismijiet Angelo Spiteri -vs- Citadel Insurance P.L.c tat-28/4/2004**).

**14.** Bl-ittra datata 2 ta' Mejju 2008, is-Socjeta` attrici kkontestat dan ir-rifjut (a` fol 123). Flimkien ma' din l-ittra, is-Socjeta` attrici baghtet rapport tal-Perit taghha, Stephen Psaila, jispjega ghalfejn ma kienx qieghed jaqbel mar-rifjut tal-*claim* (a` fol 65). Permezz ta' ittra ohra datata 24 ta' Lulju 2008, Jean Pierre Zammit, rega' informa lis-Socjeta` attrici li r-rifjut da parti tas-Socjeta` konvenuta kien ikkonfermat. Fit-30 ta' Settembru 2008 giet prezentata l-kawza odjerna.

**15.** Fid-dawl ta' dak irragunat aktar 'l fuq, il-Qorti temmen, li s-Socjeta` attrici, agixxiet (*action*) ai fini tal-polza, permezz tal-ittra tat-2 ta' Mejju 2008 meta kkontestat ir-rifjut tas-socjeta` konvenuta bir-rapport tal-Perit Stephen

Psaila. Tant dan huwa minnu, li s-Socjeta` konvenuta accettat li tikkonsidra din il-kontestazzjoni, billi nkarigat lil Perit Patrick Spiteri Fiteni biex jezamina l-kontestazzjoni maghmula fl-ittra tat-2 ta' Mejju 2008 (a` fol 136). Dan ifisser, li s-Socjeta` attrici agixxiet skont il-polza qabel ma intavolat il-kawza. Din il-klawsola ma timponix li jittiehdu *action* jew *suit* fl-istess hin. L-assigurat ghandu l-ghazla bejn wahda u l-ohra.

**16.** Is-Socjeta` konvenuta kien ikollha ragun fir-rigward ta' din l-eccezzjoni li, kieku fi zmien tlett xhur minn meta kien hemm l-ewwel rifjut tal-*claim*, is-Socjeta` attrici baqghet supina u inattiva billi halliet il-perjodu komminat fi klawsola 8 tal-kuntratt ta' assigurazzjoni jghaddi inutilment, billi la tagixxi jew lanqas ma tistitwixxi kawza. Ghalhekk, mal-mument li giet ikkontestat il-*claim*, gie sodisfatt ir-rekwizit taht il-klawsola 8 appena imsemmija. Is-Socjeta` attrici ghazlet bejn li tagixxi, kif fil-fatt ghamlet, jew tibda kawza mill-ewwel. F'dan is-sens ma jistax jinghad allura, li l-kawza odejrna saret *fuori termini* l-perjodu konvenzjonali stipulat fi klawsola 8 tal-kuntratt ta' assigurazzjoni ghaliex mal-kontestazzjoni gie sodisfatt dak li riedet dik il-klawsola. Ghalhekk mill-kontestazzjoni 'l quddiem, kompla ghaddej il-perjodu normali preskrittiv taht artikolu 2156(f).

**17.** Dato ma non concesso li dak li jkun ma jaqbilx ma dak appena sottomess, fis-sens li it-terminu taht klawsola 8 fuq imsemmija huwa wiehed strettament preskrittiv. Il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Huwa

minnu li r-riduzzjoni tal-perjodu preskrittiv, huwa ammissibbli taht Artikolu 2108 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi nnotat li dan l-artikolu imsemmi jipprojbixxi biss ir-rinunzja anticipata tal-preskrizzjoni u li mhux accettata stipulazzjoni li tallunga l-perjodu preskrittiv stabbilit mil-ligi. Izda mhux l-istess jista' jinghad ghal stipulazzjoni li tqassar iz-zmien, bhal ma huwa l-kaz odjern. Di fatti il-Giorgi fuq dan il-punt, waqt li kkummenta fuq ir-rinunzja tal-preskrizzjoni kwantu jirrigwarda l-artikli taljani konsimili ghal dawk taghna fil-Kodici Civili, ighid hekk:-

> *" ....tutti i legislatori se ne sono persuasi, e spiegano gli articoli 2107 e 2108 del Codici Civile. In virtu' del primo niun patto e' lecito , che tenda non solo alla rinunzia assoluta ad una prescrizione futura, ma anche ad alungarne i termini.; mentre non puo' essere vietato di stabilrne dei piu' brevi, giacche' si possono pattuire decadenze convenzionali."* **(ara Giorgio Giorgi Libro IV. Parte III pg 538, Fratelli Cammelli, Ed. 1911).**

**18.** Il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti huwa akkorcjament ta' terminu preskrittiv u ghalhekk ammissibbli fil-ligi.

**19.** Jekk in pessima ipotesi kellha tigi accettata tezi li l-perjodu huwa wiehed preskrittiv, argument li din il-Qorti ma hiex tabbraccja, jibqa' xorta l-fatt li galadarba s-Socjeta` konvenuta kienet disponibbli li tikkonsidra l-kontestazzjoni tas-Socjeta` attrici, tant li kif inghad aktar 'l fuq, inkarigat lill-Perit Patrick Spiteri Fiteni biex iqis din il-kontestazzjoni, allura jfisser, li kull

terminu gie sospiz ai termini tal-artikolu 2125(d) tal-Kodici Civili. Ghalhekk xorta jirrizulta li s-Socjeta` attrici, mill-ahhar rifjut tas-Socjeta` konvenuta ipprezentat il-kawza fi zmien utli u fit-terminu tal-klawsola 8 fuq imsemmija.

*Riskju eskluz mill-polza ta' assigurazzjoni*

**20.** Huwa pacifiku bejn il-partijiet fil-kawza, li t-terren fejn kienet qed issir il-kostruzzjoni huwa wiehed geologikament insidjuz. Dan il-fatt gie mill-ewwel rikonoxxut anke mill-perit tas-Socjeta` attrici u cioe` Patrick Spiteri fil-*Works Method Statement* tieghu datat l-1 ta' Awwissu 2007 (a` fol 169). Jispjega li:- "*The geology consists of stiff boulder clay*" u propju minhabba f'hekk issuggerixxa li:- "*This material is to be resisted by means of 1000m diameter piles closely spaced to form a continuous uninterrupted retaining structure*."

**21.** Kien abbazi ta' dan il-*Works Method Statement* tal-perit tas-Socjeta` attrici li s-Socjeta` konvenuta accettat li tohrog il-polza mertu tal-kawza u dan fid-dawl tal-ittra tal-Perit taghha Paul Camilleri tal-24 ta' Settembru 2007 li qabel mal-imsemmi *Works Method Statement*. F'din l-ittra dan il-perit jinnota wkoll, li "*It is a well known fact that the geology of this area consists in blue clay, interspersed with large rock boulders*."

**22.** Is-Socjeta` konvenuta tinsisti li dak li d-danni huma b'rizultat ta' sinistru naturali li ma kienx assigurat. Targumenta, li *si trattava* ta' *subsidience* u *landslip*. Kwindi skont *endoresment number* 11/07

*Subsidence and Landslip Exclusion* (a` fol 57) l-akkadut dannuz kien riskju espressament eskluz mill-polza u ghalhekk mhux assigurat.

Qed ikun riportat testwalment dak li jipprovdi dan l-*endorsement*:-

> "Notwithstanding anything contained in the policy to the contrary it is herby declared and agreed that cover under Section 1 - Material Damage and Section 2 -Third Party Liability will specifically exclude loss, damage and/or liability howsoever arising from subsidience and/or landslip."

**23.** Fi ftit kliem, biex l-eccezzjoni tas-Socjeta` konvenuta tirnexxi, jrid ikun stabbilit, jekk dak li gara fid-29 ta' Dicembru 2007 kienx f'termini geologici jammonta ghal *subsidience* u/jew *landslip*. Fuq dan il-punt, il-periti taz-zewg nahat ighidu taghhom, u kif mistenni kollha jigbdu lejn interpretazzjoni favorevoli ghall-klijenti rispettivi taghhom. Il-Perit Stephen Psaila jaghmel dan fl-ittra tieghu tal-21 ta' April 2008 (a` fol 74). Abbazi ta' dan id-dokument, is-Socjeta` attrici tibbaza l-kontestazzjoni taghha li dan akkadut li kien assigurat u kuntrarjament ghal dak li kienet qed targumenta s-Socjeta` konvenuta, ma kienx riskju eskluz bis-sahha tal-kundizzjoni fuq imsemmija (ara ittra ta' Dr. Gavin Gulia tat-2 ta' Mejju a` fol 123).

**24.** Minn naha l-ohra, il-periti tas-Socjeta` konvenuta jsostnu l-kuntrarju u fic-certifikati taghhom kontinwament jaghmlu referenza ghal *landslide*. Dan ighiduh ukoll il-Perit Italo Raniolo fl-affidavit tieghu (a` fol 185) u kif ukoll

Anne Marie Mifsud (a` fol 186). F'dan l-istadju trid tinzamm distinzjoni bejn il-hiliet ta' dawn l-esperti qua Arkitetti Civili, mill-kwistjoni ta' apprezzament geologiku dwar x'ammonta ghal *subsidence* jew *landslip*. Ma hemm ebda dubbju, li dawn il-periti ghandhom il-kwalifiki kollha biex jirrelataw dwar jekk ittiehdux il-prekawzjonijiet necessarji, mill-ottika ta' enginerija civili, biex jigi evitat is-sinistru. Izda minghajr ma tnehhi xejn mill-merti professjonali taghhom, il-konsiderazzjoni ta' x'jikkostitwixxi *subsidience* jew *landslip* hija materja ta' kompetenza geologika. Jekk il-fenomenu setax ikun frenat b'interventi ta' enginerija civili, hija haga ghal kollox differenti.

**25.** Ghalhekk il-Qorti tinnota, li meta qamet din il-kwistjoni, min l-aktar seta' kellu interess li jigi stabbilit jekk geologikament kienx fenomenu tan-natura ai termini tal-eskluzjoni, kien jaqbel lilu li jitlob il-hatra ta' espert geologiku. Din hija dixxiplina specjalizzata fiha nnifisha. Hadd mill-periti ma huwa espert f'qasam daqshekk sensittiv, ghalkemm din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju, li Periti Arkitetti fil-perkors ta' xogholhom, jiltaqghu kontinwament ma' sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta. Izda dan wahdu ma jikkwalifikahomx bhala esperti geologici, b'mod partikulari fid-dawl tad-definizzjonijiet kontrastanti li taw il-partijiet dwar x'jifhmu b'dan il-fenomenu.

**26.** Il-Qorti ticcita s-segwenti bran mehud minn digriet ta**l-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Joe Zammit McKeon fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni datat 7 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Mary Chetcuti et -vs- Mary Cortis et**:-

> “Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell, illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.”

**27.** Ghalhekk il-Qorti thoss, li minghajr l-opinjoni ta’ geologista dwar jekk il-fenomenu naturali li sehh fid-29 ta’ Dicembru 2007 kienx *subsidience* jew *landslip*, ma tistax tikkonkludi jekk dan kienx riskju eskluz abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni mertu tal-kawza.

*Inadempjenza da parti tal-assigurat mal-kundizzjonijiet tal-polza*

**28.** Huwa f’dan ir-rigward, li l-opinjoni u stqarrijiet tal-Periti rispettivi dwar enginerija civili jakkwistaw valur u importanza probatorju ghar-resoluzzjoni, dwar jekk is-Socjeta` attrici ottemperatx ruhha mal-kundizzjonijiet tal-polza biex setghet bi dritt tirrejalizza l-hlas ghad-danni sofferti.

**29.** Qabel xejn irid jinghad, li l-kuntratt ta’ assigurazzjoni huwa wiehed li jitqies validu meta jkun hemm il-consensus ad idem tal-partijiet (ara **QK fl-ismijiet Lina Zerafa nomine -vs- Avv. Joseph Fenech nomine deciza 30**

**ta' Mejju 1980)**. Di piu`, il-kuntratt ta' assigurazzjoni, jiddistingwi ruhu minn kuntratti ohra, ghall-grad oghla ta' *buona fede* rikjest. Il-pedament legali u primarju ta' dan il-kuntratt huwa l-principju ta' *uberrima fides* u cioe mhux *buona fede* biss izda l-aqwa *buona fede*. (ara sentenza **tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Michael Bertuello -vs- Victor Cordina proprio et nomine deciza fil-11 ta' Lulju 1994)**.

**30.** Jirrizulta li qabel it-tehid tal-polza l-partijiet kienu konkordi li t-terren fejn kellu jitwettaq il-progett kien manifestament geolgikament insidjuz u li dan kien fatt notorjament maghruf. Kien ghalhekk li giet inserita l-klawsola 8 fuq imsemmija. Konsegwentement kien hemm consensus bejn il-partijiet, li l-polza kellha tinhareg abbazi tal-*Works Method Statement* tal-perit tas-Socjeta` attrici peres li dan kien jiehu kont ta' dan il-fatt geologiku. Dan jirrizulta wkoll mill-ittra tal-Perit tas-Socjeta` konvenuta Paul Camilleri tal-24 ta' Settembru 2007. Dan l-ahhar Perit qabel mal-*Works Method Statement* fuq imsemmi. Fil-*Works Method Statement* imsemmi, il-Perit tas-Socjeta` attrici, kien ghalhekk konsapevoli tal-formazzjoni geologika tat-terren u allura apprensiv tar-riskji inerenti li kienu jesistu tant li ssugerixxa li:-

> "This material is to be resisted by means of 1000m diameter piles closely spaced to form a continuous uninterrupted retaining structure."

**31.** Kif inghad aktar 'il fuq, kien abbazi ta' dawn il-prekawzjonijiet ta' enginerija civili, li s-Socjeta` attrici qablet li tohrog il-polza u li kkonvinciha taqbel fuq l-oggett li kellu jkun assigurat, salv l-eskluzjoni ta' lista' ta' riskji ohrajn. Wara li sehh l-incident imsemmi u saret spezzjoni fuq il-post irrizulta, li dawn il-*piles* ma kienux gew inseriti tul in-naha kollha identifikata fil-*Works Method Statement* fuq imsemmi.

Il-Perit Patrick Spiteri fl-affidavit tieghu, (a` fol 119) ighid hekk:-

> "Innotajt illi x-xogholijiet li kienu saru fis-sit inkwistjoni kienu differenti minn dawk li kienu indikati fil-*Works Method Statement* li kien imhejji mill-Perit Psaila fl-1 ta' Awwissu 2007 fiz-zmien meta kienet inkitbet il-*proposal form* inkonnessjoni mal-polza inkwistjoni u innotajt ukoll li illi qabel il-*landslide*, ir-ritratti indikaw illi Knightsbridge kienet bniet appogg b'qoxra doppja."

**32.** Il-Perit Italo Raniolo, a` fol 157, huwa konkordi mal-versjoni tal-Perit Paul Camilleri. Di piu` jirrizulta, li fejn kien hemm dawn il-piles ma kienx krolla. Di fatti f'dan ir-rigward, in kontro ezami, il-Perit Italo Raniolo jixhed li "Fejn saru kienu adegwati ghaliex tant hu hekk li t-terren ma cediex" (a` fol 201 u ara ukoll xhieda a` fol 203 u 205). Anne Marie Mifsud li marret fuq il-post tixhed "Iva, hu waqa' minhabba li ma kellux ilqugh, fl-opinjoni tieghi kieku kellu ilqugh li huwa sufficjenti, ma kienx jaqa'. Kif jidhru mir-ritratti mehmuza fir-rapport tieghi fejn hemm parti mis-sit qeghda bl-ilqugh ma

cediex. Il-partijiet l-ohra cedew" (a` fol 208). Di fatti dan huwa tassew konstatabbli mir-ritratti esebiti fil-kawza.

**33.** Il-Qorti tista' tkompli ticcita brani u dokumenti ohrajn li jemergu mill-provi prodotti waqt il-kawza, li jindikaw, li li kieku s-Socjeta` attrici imxiet skrupolozament mal-*Works Method statement* il-probabbilitajiet kbar kienu, li dan l-incident kien ikun evitat.

**34.** Kien hemm ukoll il-kwistjoni tal-hitan li jiffjankeggaw l-appoggi propjetajiet ta' terzi, li wkoll krollaw. Mill-atti jirrizulta, li wara l-incident tad-29 ta' Dicembru, is-Socjeta` attrici ghamlet xi xogholjiet rimedjali biex ma jkunx hemm repetizzjoni tal-istess storja, billi ttella' hajt ta' tnax-il kantun. (ara xhieda tal-Perit Patrick Spiteri a` fol 119). Prekawzjoni lodevoli, izda dejjem tibqa' prekawzjoni li messha ttiehdet qabel.

**35.** Min-naha taghha, s-Socjeta` attrici tipprova tilqa' ghal dan kollu, l-ewwel u qabel kollox b'referenza ghat-temporali u xita tassew qawwija li kienet nizlet dakinhar tas-sinistru. F'dan ir-rigward is-Socjeta` attrici ressqet bhala xhud, ufficjal mill-ufficju meteorolgiku, biex jikkonferma li fl-Istorja Meteorolgika Maltija, dakinhar tal-akkadut, kienet wahda mill-jiem li l-aktar nizlet xita.

**36.** Jista' jkun, li li kieku ma ghamlitx xita torrenzjali ma kienx jigri dak li gara. Izda li jrid ikun ezaminat, mhux jekk dak li gara kienx minhabba x-xita

qawwija, izda jekk minkejja dan, kieku gew esegwiti l-prekawzjonijiet skont il-*Works Method Statemen*' u ttellghu hitan sodi mal-appogg ta' terzi, kienx ikun evitat l-incident. Il-mizuri li hadet is-Socjeta` attrici wara l-incident, huma indikattivi ta' x'messha ghamlet qabel ma sehh. Din il-Qorti ssostni li l-assigurat ghandu jiehu dawk il-mizuri kollha biex jevita sinistri assigurati daqs li kieku ma hux assigurat. Ghandu jibqa' juza dik id-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja indipendentement mill-fatt li huwa assigurat. B'hekk ikun qieghed jiehu hsieb l-interessi tieghu u kif ukoll ta' min qed jassigurah.

**37.** B'dana kollu, l-Perit tas-Socjeta` konvenuta, il-Perit Stephen Psaila, fl-ittra tieghu tal-21 ta' April 2008, jipprova jiggustifika dak li gara billi jressaq tlett ragunijiet: li ma setghux ikunu insatallati l-*piles* ghaliex is-sit kien diga' skavat, li certu makkinarji ma setghux ikollhom access minhabba id-dislivell tat-terren u l-opposizzjoni ta' terzi girien li jaghtu access sabiex isiru x-xogholjiet necessarji ta' prekawzjoni. Dan kollu jista' jkun minnu, ghalkemm dak li kellu jsir qabel xorta sar wara.

**38.** F'dan ir-rigward il-Qorti tfakkar, li kuntratt ta' assikurazzjoni ghandu bhala gebla tax-xewka kuntrattwali tieghu, l-principju tal-aqwa *bona fide* (*ubbirima fide*), grad oghla mill-*bona fede* ta' kuntratti ordinarji. Din il-Qorti testendi l-applikazzjoni ta' dan il-principju ghal kuntratt ta' assigurazzjoni mhux biss ghall-waqt li jkun qieghed jigi fformulat il-kuntratt bil-

presentazzjoni tal-*proposal form*, izda wkoll ghal dak li jissucedi fil-perkors tal-attwazzjoni tal-imsemmi kuntratt.  Principju li jorbot liz-zewg nahat.

**39.** Ghalhekk, jekk is-Socjeta` attrici rriskontrat id-diffikulatjiet fuq imsemmija, kellha l-obbligu li tinforma lis-Socjeta` Assiguratici, biex din tkun tista' tiskandalja s-sitwazzjoni u anke tkun tqeghdet f'sitwazzjoni ta' konsapevolezza fl-eventwalita` li jimmaterjalizza r-riskju assigurat. Il-principju tal-*ubberima fides* jesigi, li din l-informazzjoni kellha tigi trasmessa lis-Socjeta` assiguratrici.  Is-Socjeta` konvenuta kellha tkun taf bit-tibdiliet fic-cirkostanzi tar-riskju, mhux biss biex taggusta l-hlas tal-*premium* jekk ikun il-kaz, izda biex anke taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha.  Minn imkien ma jirrizulta mill-atti tal-kawza, li d-diffikultajiet fuq imsemmija gew b'xi mod migjuba a` konjizzjoni tas-Socjeta` konvenuta.

**40.** Aktar minn hekk, fil-polza ta' assigurazzjoni taht tititolu ta' *General Conditions* fi klawsoli 3 u 4(b) rispettivament (a` fol 20) hemm imnizzel dan li gej:

> "The insured shall at his own expense take all the reasonable precautions and comply with all reasonable recommendations of the Company to prevent loss , damage, or liability and comply with statutory requirements and manufacturers' recommendations",

U

> "The insured shall immediately notify the Company by telegram and in writing of any material change in the risk and cause at his own expense such additional precautions to be taken as circumstances may require, and the scope of cover and/or premium shall, if necessary be adjusted accordingly".

**41.** Minn dak kollu li jirrekjedu dawn iz-zewg kundizzjonijiet, is-Socjeta` attrici ma ghamlet xejn, hekk kif irriskontrat id-diffikultajiet fuq imsemmija.

**42.** Is-Socjeta` attrici tkompli targumenta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, li l-fatt wahdu li ma gewx kontro ezaminati x-xhieda taghha, li dak li qalu dawn ix-xhieda ghandu jittiehed bhala vangelu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-posizzjoni. Li kieku s-Socjeta` konvenuta baqghet inattiva ghal kollox waqt il-kawza, kienet tkun storja ohra mil-lat ta' evalwazzjoni probatorja. Izda xhud mhux kontro-ezaminat, ix-xhieda tieghu xorta tista' tigi kkonfutata bi provi ohrajn li jitressqu waqt il-kawza. Il-provi li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tilhaq dak il-konvinciment necessarju fuq bilanc ta' probabbilitajiet huma varji. Xhieda mhux kontestata ghax ma sarx kontra ezami tax-xhud, ma jfissirx li din tibqa' wieqfa fuq saqajha, jekk jigu prodotti provi ohrajn li jinnewtralizzaw l-effikacja taghha, ghas-semplici raguni li ma jkunx sar il-kontro ezami tax-xhieda jew xhud. Ghalhekk fuq il-preponderanza tal-provi mressqa tul il-kawza, din il-Qorti hija konvinta, li t-tieni eccezzjoni tas-Socjeta` konvenuta ghandha tkun milqugha.

**Decide**

Ghaldaqstant in vista tas-suespost il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

Fil-waqt, li qeghdha **tilqa'** it-tieni eccezzjoni tas-Socjeta` konvenuta, qeghdha **tichad** it-talbiet kollha tas-Socjeta` attrici.

Fic-cirkostanzi spejjes tal-kawza ghadhom ikunu sopportati kwantu ghal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mis-Socjeta` attrici u kwantu ghal kwart ($^{1}/_{4}$) mis-Socjeta` konvenuta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**